Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Veronica Conti

vs

JIS Group Ltd (C 76015) li jiggestixxi l-istabbiliment Direct Vision

CCT 72/24/CC

Illum 4 ta' Settembru, 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrent ippreżentata fit-3 ta' April 2024, fejn talbet ħlas ta' l-ammont ta' €399 (tlett mija u disa' u disgħin ewro) rappreżentanti set ta' televiżjoni difettuż, liema set ta' televiżjoni inxtara fil-11 ta' Diċembru 2023, mingħand il-ħanut 'Direct Vision'.

Ra li l-intimata rappreżentata minn Stefania Stivala debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba u tas-Smigħ ta' din il-proċedura, ippreżentat risposta, fejn fiha tat spjegażżjoni għal kontestażżjoni tat-Talba.

Illi t-Tribunal alloka żewġ seduti għal produżżjoni tal-provi tal-partijiet. Illi jirriżulta li entrambi l-partijiet ipproduċew xhieda viva voce u provi dokumentarji.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' u ħa konjizzjoni tal-provi dokumentarji tal-partijiet.

Sema' s- sottomisjonijiet *viva voce* tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi jirriżulta li l-attriċi Veronica Conti xtrat televiżjoni mill-ħanut 'Direct Vision' li jinsab f'Daniel's Shopping Mall, il-Ħamrun. Hija nfurmat li tixtieq li jintbagħat persuna sabiex jinstalla t-televiżjoni, u fil-fatt meta t-televiżjoni ġie kkonsenjat, is-soċjeta intimata bagħtet persuna sabiex tinstalla t-televiżjoni lil attriċi. Jirriżulta li l-attriċi ħallset apparti għal dan is-servizz.

Illi wara xi ġimgħat li saret l-installażżjoni tat-televiżjoni, l-attriċi regħet eċċediet fil-ħanut tas-soċjeta intimata fejn talbet li tibdel it-televiżjoni ma' televiżjoni ta' ditta oħra. Hija ġiet infurmata li dan ma setgħax isir, minħabba li t-televiżjoni kien użat.

Illi jirrizulta li wara xi gimghat, l-attrici regghet eccediet fil-hanut tas-socjeta intimata fejn infurmat lil persuna inkarigata li r-*remote control* kien miksur. Gara li s-socjeta intimata irrimedjat r-remote control.

Illi wara dan l-episodju l-attrici baqghet tmur fl-istabbiliment tas-socjeta intimata, u f'okkazjoni minnhom infurmat lid-dirigenti tal-hanut li t-televizjoni ma kienx qed jahdem. Is–socjeta intimata regghet baqhtet persuna appozita sabiex tivverifika x'kienet il-problema.

Illi gara li meta l-persuna teknika eccediet fir-residenza ta' l-intimata, irrizulta li s-sett ta' televizjoni ta' l-intimata kellu l-*power button* miksura, u ha s-sett ta' televizjoni l-hanut. In segwitu, sehhew diversi skambji bejn l-attrici u s-socjeta intimata, b'dan li l-attrici talbet li tinghata sett ta' televizjoni gdid.

Illi minn analizi tal-provi prodotti, jirrizulta li kull darba li l-attrici avvanzat ilment mas-socjeta intimata, s-socjeta intimata dejjem offriet soluzzjoni. Jirrizulta li l-attrici bdiet tavvanza l-ilmenti taghha xi gimghat wara li hija xtrat it-televizjoni. It-Tribunal jinnota li kien hemm trapass ta' zmien ta' diversi gimghat wara li hija talbet sabiex tibdel it-televizjoni ma' televizjoni ta' ditta ohra, liema rikjesta ma gietx accetata mis-socjeta intimata peress li t-televizjoni kien uzat. In segwitu ghal dan, gie stabbilit li t-televizjoni ma kienx qed jiffunzjona minhabba li l-*power button* giet imkissra.

Illi t-Tribunal jinnota wkoll li s-sett tat-televizjoni attwalment jinsab ghand is-socjeta intimata, u l-attrici ma haditux lura.

Illi tenut kont tal-premess, it-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, partikolarment tal-fatt li s-sett ta' televizjoni jinsab ghand is-socjeta intimata, t-talba avvanzata mill-attrici ghandha tigi akkolta parzjalment ghal ammont ta' €150 (mija u hamsin ewro).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' parzjalment it-talba avvanzata mill-attrici ghal ammont ta' €150 (mija u hamsin ewro), b'dan li s-sett tat-televizjoni jinzamm mis-socjeta intimata hekk kif isir il-hlas.

Il-partijiet f'dawn il-proceduri ghandhom entrambi jerfghu l-ispejjez taghhom.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru